# Is-Sedji u l-Leġiju tal-Kor Restawrati

Carmel Bezzina

Il-festa tal-Lunzjata ta' din is-sena se ġġibilna magħha t-tmiem tar-restawr ta' opra sabiħa fl-injam, parti minn proġett ta' restawr li ilu għaddej is-snin fil-knisja parrokkjali tagħna. Qed nirreferi għas-sedji u l-leġiju tal-kor li ġew irrestawrati għall-istat oriġinali ta' meta saru madwar 275 sena ilu.

Din l-istorja ta' restawr bdiet meta l-Kappillan Dun Kalċidon Vassallo wera l-fehma li jiġi restawrat l-orgni l-kbir tal-knisja biex ikun jista' jerġa' jibda jintuża. Ir-restawr tal-orgni kien fdat f'idejn l-inġinier Robert Buhagiar, u sar bejn is-snin 2004 u 2005.

Kif ngħidu bil-Malti, ħaġa taqla' oħra. Waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq l-orgni, ħarġet l-idea li tkun irrestawrata wkoll l-għamara tal-istess orgni, jiġifieri l-gallarija u l-qafas tal-injam li fih joqgħod dak li jissejjaħ il-'bankun', struttura tal-ġewż li fuqha jitpoġġew is-sfafar tal-orgni. Bħal kull biċċa xogħol oħra li saret fil-knisja tul dawn l-aħħar sittin sena, b'mod jew ieħor mess magħha Valent Chetcuti (1929–2011), is-sagristan ħabrieki li lill-knisja ta' Ħal Balzan ta fuq li ta. Dan ix-xogħol ta' restawr ukoll daħal għalih Valent, megħjun minn Ġorġ Muscat li għal snin twal ħadem ma' Valent u kien l-id il-leminija tiegħu. L-orgni restawrat kien inawgurat nhar it-18 ta' Diċembru 2005.

Wara l-orgni issa kien imiss il-bqija tal-għamara tal-knisja, jiġifieri ż-żewġ niċeċ antiki, dik tal-Lunzjata u l-oħra tal-Madonna tar-Rużarju, il-konfessjonarji, il-fonti tal-magħmudija, il-pulptu, u s-sedji u l-leġiju tal-kor. Dawn ukoll daħlu għalihom Valent u Ġorġ li għaddew is-



Valent is-sagristan u Ġorġ Muscat, flimkien mal-induratur Publiju Magro

sigħat it-twal jaħdmu b'sabar u b'dedikazzjoni fiż-żmien meta ma kinux ikunu mħabbtin bl-armar tal-knisja għal xi festa jew oħra. Ix-xogħol fuq il-pulptu beda fis-sena 2007 u kien lest minn kollox għall-festa titulari tal-2011.



Is-sedji tal-kor, xogħol sabiħ fl-injam ta' Mastru Antonio Farrugia.

Biex din l-opra ta' restawr tkun sħiħa u integrata kien jonqos issa l-għamara tal-kor, jiġifieri s-sedji u l-leġiju. Għaldaqstant, kif għaddiet il-festa ta' dik is-sena, Valent u Ġorġ meddew idejhom għal dan ix-xogħol ukoll, għalkemm Valent ta' spiss kien itenni li s-sedji bdiehom iva iżda ma kienx se jkollu x-xorti jarahom lesti billi saħħtu kien qed iħossha sejra lura.

Hawn tajjeb li jingħata sfond storiku ħafif ta' dawn is-sedji artistiċi.[1]

L-ewwel darba li nsibu referenza għas-sedji kien fir-rapport tal-viżta pastorali tal-Isqof David Cocco Palmieri tal-20 ta' Settembru 1699. Il-bini tal-knisja kien issa wasal fi tmiemu, tneħħi l-koppla u l-kampnar. F'din il-viżta l-Isqof kien ikkummenta li l-kor kien għadu bla sedji. Għaxar snin wara, fl-20 ta' Mejju 1709, insibu li kienu saru xi bankijiet tawwalin li kienu jistgħu jinqalgħu u li kienu jservu ta' sedji għall-qassisin. Dawn il-bankijiet twal li kien hemm fil-kor jerġgħu jissemmew ukoll fil-viżti pastorali tal-1716 u tal-1723.

Fis-6 ta' Diċembru 1729 żar il-knisja l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li talab li l-qassisin jagħmlu offerta biex jistgħu jsiru s-sedji. L-offerti tal-qassisin tal-parroċċa jvarjaw bejn il-5 skudi u l-25 skud. Seba' snin wara, nhar l-1 ta' Mejju 1736, l-istess Isqof reġa' għamel viżta pastorali oħra fir-raħal. Din id-darba wkoll reġa' ħeġġeġ lill-kappillan u lill-kleru sabiex ikomplu jżejnu l-kor b'għadd ta' sedji. Il-qassisin laqgħu bil-qalb l-eżortazzjoni tal-Isqof u minn rajhom offrew is-somma ta' 240 skud. L-Isqof ferħilhom, filwaqt li talab lill-

fratellanza tar-Rużarju Mqaddes tikkontribwixxi 55 skud biex tkun tista' tintlaħaq is-somma għall-ħlas tas-sedji.

Ix-xogħol tas-sedji kien fdat f'idejn Mastru Antonio Farrugia, imlaqqam Suxetta, mill-Birgu, raġel tas-sengħa u ta' ħila kbira fix-xogħol tal-injam. Jidher li s-sedji nħadmu ħabta tas-sena 1738, billi f'Novembru ta' dik is-sena Mastru Dumink Borg ingħata ħames tarì għal xogħol konness mat-tqegħid tas-sedji tal-kor, u x-xahar ta' wara tħallsu skud u tmien tarì għall-ikel tal-ħaddiema li qiegħdu s-sedji f'posthom. F'Diċembru tas-sena ta' wara Mastru Antonio Farrugia u Mastru Ġużeppi rċevew is-somma ta' 420 skud, 10 tarì u 10 ewieq għall-injam u għax-xogħol tas-sedji, u f'Jannar 1741 Mastru Farrugia reġa' rċieva 10 skudi oħra fuq il-kont tas-sedji.

Ix-xogħol tant ingħoġob li l-istess imgħallem Antonio Farrugia kien ikkummissjonat ukoll bil-pulptu, li sar fis-sena 1744, iż-żewġ konfessjonarji l-antiki, ta' qabel dawk li naraw illum, il-leġiju tal-kor, u wkoll in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju. Il-konfessjonarji flimkien mal-leġiju jissemmew għall-ewwel darba fl-1745.

Mill-viżta pastorali tal-Isqof De Bussan tal-21 ta' Settembru 1745 'il quddiem, kull isqof li ra s-sedji tal-kor dejjem wera l-apprezzament tiegħu għas-sbuħija tad-disinn u għax-xogħol elaborat tal-iskultura fl-injam tal-aħmar li saret fuqhom. Dawn is-sedji huma mqassmin f'żewġ ordnijiet, dak superjuri li fih tmintax-il sedja u dak inferjuri li fih erbatax. Minkejja li għaddew dawn is-snin kollha minn fuqhom, dawn is-sedji għadhom sal-lum jolqtu l-għajn u jiġbdu l-ammirazzjoni ta' kull min jidħol fil-kor. Bir-raġun kollu l-qassisin ta' dak iż-żmien qabbdu lil Mastru Antonio Farrugia, mastrudaxxa mill-aqwa li kien hawn Malta dak iż-żmien, jikkummenta Dun Ġwann Dimech.

Kif diġà ssemma, max-xogħol fuq is-sedji sar ukoll ir-restawr tal-leġiju l-kbir li naraw f'nofs il-kor. Dan ukoll huwa xogħol Mastru Antonio Farrugia. Jissemma għall-ewwel darba fir-relazzjoni tal-viżta pastorali tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan nhar il-21 ta' Settembru 1745. Dan il-leġiju tal-aħmar għandu bażi b'sitt faċċati li tintuża bħala armarju. Fuq din il-bażi jitwaqqaf il-leġiju, li għandu żewġ faċċati u jispiċċa bi skultura delikata ħafna fl-injam. Fuq dan il-leġiju kien hemm żmien meta kien jitqiegħed salterju, stampat Venezja fl-1700 minn P. Balleoni, u antifonarju mżejjen b'inċiżjonijiet klassiċi reliġjużi.

Nerġgħu lura għar-restawr ta' dawn is-sedji u l-leġiju.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-Lunzjata tal-2011, għal nofs Awwissu, Valent u Ġorġ bdew ix-xogħol. Bdew l-ewwel bil-gwarniċa ta' fuq is-sedji, li tasal sa taħt il-kwadri laterali. Billi tul is-snin is-sedji kienu ngħataw diversi passati ta' kulur u verniċ, li tellfu ħafna mill-ġmiel tal-lewn tal-injam tal-aħmar, l-ewwel pass f'dan il-proċess kien li jitneħħa dan il-verniċ qadim. F'dan ix-xogħol delikat intużat il-kimika li tqaxxar iż-żebgħa. Imbagħad, b'galbu u b'reqqa, bl-użu tal-*wire brush* u s-*sand paper*, Valent u Ġorġ reġgħu kixfu l-injam oriġinali tal-aħmar u taw ħajja ġdida lill-vina sabiħa tiegħu. Malli dan ix-xogħol kien lest, ingħatat l-ewwel passata verniċ sabiex il-lewn oriġinali tal-injam ikun ippreservat. B'kollox ingħataw erba' passati verniċ, bi xkatlatura ħafifa qabel kull passata.

Wasal Ottubru u x-xogħol kellu jieqaf għal ftit sakemm tgħaddi l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Għall-bidu ta' dak ix-xahar, Valent xejn ma kien f'sikktu, sakemm ħassu ħażin fis-sagristija. Għalkemm baqa' jisforza u ma riedx jara tabib, fl-aħħar kellu jċedi u, kontra qalbu, kellu jirtira. Iżda qalbu baqgħet il-knisja, moħħu jhewden fix-xogħol li ħalla warajh u li kien għadu jistennieh. Huwa baqa' sal-aħħar iħeġġeġ lil Ġorġ sabiex ix-xogħol fuq is-sedji ma jitilqux. Wara xi jiem rikoverat id-dar, ittieħed l-Isptar Mater Dei fejn baqa' sejjer lura sakemm il-Mulej sejjaħlu għal għandu nhar il-5 ta' Novembru. Ġara kif kienet ħebritu qalbu xhur qabel. Ix-xogħol tas-sedji ma kellux jarah mitmum.

Wara l-festi tal-Milied Ġorġ issokta x-xogħol fuq is-sedji. Sab għajnuna minn Arsenio Brincat li ta d-daqqa t'id tiegħu wkoll f'dan ix-xogħol.



Ġorġ Muscat u Arsenio Brincat jagħtu l-aħħar irtokki lis-sedji tal-Kor

Issa kien imiss il-panewijiet tad-dahar tas-sedji u l-poġġamani. Dawn il-panewijiet huma fost l-isbaħ partijiet ta' din l-opra artistika billi fihom disinji minquxin fl-injam fuq stil Barokk. Tul is-snin xi partijiet minn dawn id-disinji ttajru u ġew nieqsa, u baqgħu ma ssewwewx. Għaldaqstant issa ġiet l-okkażjoni t-tajba biex dawn il-biċċiet nieqsa jsiru mill-ġdid u hekk l-opra tkun kompluta minn kollox. Għal dan ix-xogħol ta' reqqa daħal Joseph Parascandalo, bniedem tas-sengħa u metikoluż ħafna f'xogħlu, li għal snin twal kien ħaddiem it-Tarzna. Bis-sabar tipiku tiegħu, Joe daħal għal dan ix-xogħol delikat b'ruħu u b'ġismu billi ħa ħsieb jaħdem il-partijiet neqsin li ntilfu mal-medda tas-snin. Nistgħu ngħidu li għamel biċċa xogħol tajba u r-riżultat aħħari kien sodisfaċenti ħafna.

għal paġna 48

*minn paġna 47*

Ix-xogħol reġa' qabad ritmu tajjeb wara l-festa tas-sena 2012. Tkompla x-xogħol fuq il-parti t'isfel tas-sedji tal-ordni superjuri, xogħol antipatiku u ta' strapazz billi kien jirrikjedi li wieħed ikollu joqgħod għarkupptejh wiċċu 'l isfel biex jirnexxilu jilħaq l-irkejjen kollha. Wara dan ix-xogħol tkomplew is-sedji tal-ordni ta' taħt. Kellhom isiru wkoll xi tiswijiet fil-bażi tas-sedji u z-zokklatura, u hawn taw sehemhom is-sagristan Joseph Woodhouse Scicluna u Denis Micallef. Victor Gauci, il-lostratur, kien dejjem ta' għajnuna wkoll bil-pariri siewja tiegħu u t-taħlit taż-żebgħa.

Malli ntemm ix-xogħol fuq is-sedji, Ġorġ dlonk beda l-leġiju li, prattikament, sal-Milied tas-sena li għaddiet (2013) kien lest ukoll. Kif kien fiż-żifna, ħa ħsieb ukoll il-mejda li tintuża fil-magħmudijiet, it-taraġ ta' wara l-artal maġġur, u wkoll il-ġinokkjaturi u xi banketti li jintużaw waqt servizzi liturġiċi. Jidher li hemm il-ħsieb ukoll li fil-ġejjieni jsiru l-kaxxarizzi tas-sagristija l-ġdida u l-bibien li mill-knisja jagħtu għaż-żewġ sagristiji. Jalla dan il-ħsieb iseħħ.



Il-leġiju l-kbir li nsibu fil-kor tal-knisja parrokkjali

U hekk issa l-knisja parrokkjali għandha l-għamara tagħha restawrata kollha, u dan kompla jgħin biex il-knisja tagħna tingħata d-dehra maestuża li għandha llum. Kienet biċċa xogħol kbira mifruxa fuq kważi għaxar snin.

Għal min hu dilettant tal-istatistika, tajjeb li jingħad li f'dan ir-restawr intużaw madwar 15-il bott verniċ ta' ħames litri l-wieħed. Li kellna nippruvaw ngħoddu s-sigħat ta' xogħol investiti f'dan il-proġett, żgur li ma nsibux tarf. Dan ix-xogħol jurina li f'Ħal Balzan għad għandna nies li verament għandhom il-knisja f'qalbhom.

Ħaqqhom l-apprezzament tagħna dawk kollha li kienu involuti f'dan ix-xogħol, speċjalment Ġorġ Muscat li daħal għalih b'impenn u b'responsabbiltà, l-aktar wara l-mewt ta' Valent. Jalla r-raħal tagħna jkompli jipproduċi nies li mhux biss jemmnu fil-ħidma volontarja imma li jkunu wkoll ġenerużi mal-knisja għażiża tagħna. ❐

[1] Dan it-tagħrif storiku ttieħed minn Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004, 88–89.